**BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Rikors Numru: 8/2015SG**

**James Galea Testaferrata (ID 561360M)**

**Vs**

**Paul Camilleri (ID 813935M), Joseph Grima (ID 323163M), Lazarus Grima (ID 586250M), Carmel sive Charles Grima (ID232361M), Bartolomew Borg (ID 790346M), Saviour Gauci (ID 309241M), John Gauci (ID 448669M), John Muscat (ID 607560M), John Mary Muscat (ID 160842M), Emanuel Muscat (ID 487661M), Joseph Muscat (ID 424466M), John Mary Muscat (ID 140569M), Stephen Muscat (ID 53173M), Louis Camilleri (ID 324435M), Piju Camilleri (ID 374763M), Vincent Muscat (ID 800754M), Vincent Camilleri (ID 820855M), Nazzarenu Galea (ID 138256M) U b'digriet tal-25 ta' Settembru 2020, il-Bord innomina lill-Avukat Dr. Graziella Tanti u lill-Prokuratur Legali PL Peter Paul Sammut bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredità ta' Nazzareno Galea; Id-digriet tal-25 ta' Settembru 2020, qed jigi revokat ai termini tad-digriet tad-29 ta' Ottubru 2020; Emanuel Muscat (ID 954347M)**

**Illum, 11 ta' Mejju, 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' James Galea Testaferrata, li permezz tieghu gie premess u mitlub is-segwenti:

*"Illi huwa s-sid ta' territorju ta' art magħrufa bħala Tar-Ragħad, ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 52,100m2 ekwivalenti għal ċirka 46 tumoli li għandha faċċata fuq Triq Għajn Tuffieħa, Limiti tal-Imġarr li hija indikata fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A.*

*Illi l-esponenti wiret din ir-raba' mingħand missieru Mario Galea Testaferrata u għas-sena 2007 fejn l-imsemmi Mario Galea Testaferrata rċieva s-somma ta' Lm4.50, illum ekwivalenti għal €10.48 mingħand Gio Maria Vella u Vincenzo Muscat għall-iskadenza li ġiet dovuta f'Awwissu 2007 (Dok C). Sussegwentement l-eżekutur testamentarju tal-eredita' ta' Mario Galea Testaferrata rċieva xi skadenza/i oħra u l-aħħar notament huwa li sar ħlas ta' €10.50 għall-iskadenza ta' Awwissu 2010. Għal kull buon fini l-iskadenza tmiss tagħlaq fil-15 ta' Awwissu 2016.*

*Illi l-intimati qiegħdin jivvantaw titolu ta' gabillotti fuq l-istess raba' kif jidher mil-kopja taċ-ċedola ta' depożitu hawn annessa (Dok B).*

*Illi l-esponenti għandu tagħrif li wħud mill-intimati jistgħu verament ikunu suċċessuri tal-imesmmija Gio Maria Vella u/jew Vincenzo Muscat iżda dwar l-oħħrajn m'għandu l-ebda indikazzjoni ta' xejn.*

*Illi reċentament, l-esponenti kellu okkażjoni sabiex jagħmel diversi aċċessi fuq il-propjeta' in kwistjoni u anke bl-assistenza tal-Perit Carmel Farrugia u mill-investigazzjonijiet li l-esponenti għamel, huwa sab illi dan ir-raba'*

1. *Mhux qed jintuża kollu għal skopijiet agrikolu;*
2. *Hemm ħafna ħsara fiha;*
3. *Hemm binja u żvillup illegali;*
4. *Parti mill-binja qiegħda tintuża għal skopijiet kummerċjali;*
5. *Parti mill-proprjeta' qiegħda tintuża bħala garage ta' mechanic, stalel u paddock għaż-żwiemel u club soċjali;*
6. *Hemm ħitan tas-sejjieħ li tneħħew kompletament u oħrajn li qiegħdin fi stat ħazin;*
7. *Saret korsa taż-żwiemel; u*

8. *Parti mill-art hija totalment żdingata u anke kien hemm scrapyard, u dan kif anke ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
9. *Fetħu passaġġ u ħallew terzi jgħaddu mil-istess art;*
10. *Għamlu ħsara fil-proprjeta' tant li anke ħareg enforcement notice mil-MEPA*
11. *Sullokaw u/jew assenjaw il-kirja lil terzi mingħajr il-kunsens tas-sid;*
12. *Inħolqu passaġġi/sqaqien*
13. *Saru ħitan ġodda;*
14. *Hemm mnasab u kmamar relatati;*
15. *Kmamar rurali antiki tħallew żdingati; u*
16. *Parti mill-proprjeta' qed tintuża bħala off-rad track għal scramblers u jeeps.*

*Illi għalhekk l-inkwilini kissru l-kondizzjonijiet tal-kirja.*

*Għaldaqstant, previa occorendo kull dikjarazzjoni dwar min verament kellu u għandu jiġi meqjus bħala l-gabilott ossia l-inkwilin għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u previa occorendo dikjarazzjoni li l-inkwilini kissur l-kondizzjonijet tal-kirja a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Art 4 (2) tal-Kap 199, l-esponenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord jgħoġbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-ismemmija proprjeta' u konsegwentement jiżgombra lill-intimati fi żmien qasir u perentorju li jiġi hekk lilhom prefiss u jekk ikun l-każ jillikwida kull kumpens li jista' jkun dovut a tenur tal-Artikolu 4 (1b) tal-istess liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti."*

Ra r-risposta tal-intimati fejn ġie eċċepiet li:

*"1. Preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotur stante l-konfuzjoni ta' kawzali u talbiet bejn dawk illi jistghu jigu invokati quddiem dan l-Onorabbli Bord u dawk li jistghu jigu invokati quddiem il-qrati ordinarji, u cioe' l-allegat nuqqas ta' titolu ta' whud mill-intimati. Di fatti r-rikorrenti*

*qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Bord bix jiddikjara min mill-intimati ghandu verament jigi meqjus bhala inwkilin u min le, investigazzjoni u determinazzjoni illi kjarament tezorbita mill-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord.*

*2. Preliminarjament ukoll, u bhala korollarju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord ratione materiae biex jiddeciedi wahda mit-talbiet tar-rikorrent u cioe' biex jiddeciedi min mill-intimati ghandu titolu ta' inkwilinat o meno.*

*3.In linea preliminari wkoll, sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzji ghas-sueccepit, ir-rikorrent ghandu jaghti prova tat-titolu tieghu fuq it-territorju t'art mertu ta' din il-kawza.*

*4. Illi in rigward ta' dak dikjarat mir-rikorrent fir-rikors promotur fis-sens illi "whud mill-intimati jistghu verament ikunu successur tal-imsemmija Gio Maria Vella u/jew Vincenzo Muscat izda dwar l-ohrajn [ir-rikorrent] ,m'ghandu l-ebda indikazzjoni ta' xejn", jigi rilevat is-segwenti-*

*(i) storikament il-qbiela kienet tithallas minn Gio Maria Vella u Gio Maria Muscat (ante kawza ta' Vincenzo Muscat) kemm ghalihom infushom u kif ukoll ghal gabillotti ohra li kienu jahdmu dan l-istess territorju, u dan huwa arrangament komuni bejn il-gabillotti illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jaghraf u jirrikonoxxi, u ghalhekk certament li m'ghandux jigi kunsidrat li huma biss is-successuri tal-imsemmija Gio Maria Vella u Vincenzo Muscat li ghandhom jitqiesu bhala li ghandhom titolu ta' inkwilinat fuq ir-raba' in kwistjoni; u*

*(ii) l-ante kawza tar-rikorrent, Mario Galea Testaferrata, kien personalment irrikonoxxa lill-intimati kollha bhala inkwilini tar-raba' in kwistjoni u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*Konsegwentement kull wiehed mill-intimati ghandu titolu ta' inkwilinat irrispettivament mill-konsiderazzjoni ta' jekk huwiex successur tal-imsemmija Gio Maria Vella u Gio Maria / Vincenzo Muscat.*

*5. Illi, kif fuq inghad, ghalkemm il-qbiela kienet tingabar mill-imsemmija Gio Maria Vella u Vincenzo Muscat (u Gio Maria Muscat qablu) li kienu jmorru*

*jhallsu lis-sid (Mario Galea Testaferrata) u r-ricevuta tal-qbiela kienet tohrog fuq isimhom effetivament kulhadd kellu t-titolu individwali (jew bhala gruppi ta' ahwa, kif fil-fatt huma hafna mill-intimati, kif se jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza) tieghu ghar-raba' partikolari illi kien jahdem u ghalhekk kull inkwilinat ghandu jigi kunsidrat fuq il-mertu partikolari tieghu u t-territorju kollu m'ghandux jitqies quid unum bhala qbiela wahda irrispettivament mill-fatt illi kienet dejjem tohrog ricevuta wahda. Kosnegwentement il-konsiderazzjonijiet li japplikaw ghal uhud mill-intimati mhux necessarjament li japplikaw ghall-ohrajn u d-determinazzjoni dwar jekk ghandux jigi ordnat ir-ripreza tar-raba', kif qed jitlob ir-rikorrent, ghandha ssir ghal kull inkwilinat individwalment u dawk il-konsiderazzjoniet illi jistghu japplikaw ghal inkwilin/i fir-rigward tar-raba' partikolari possedut u mahdum minn tal inkwilin/i m'ghandhom bl-ebda mod jincidu fuq it-titolu ta' qbiela tal-inkwilini l-ohra.*

*6. Illi fir-rigward tal-elenku ta' lamenteli maghmula mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, jigi rilevat illi r-raba' in kwistjoni –*

*(a) Fejn huwa raba' li jista' jinhadem (u mhux xaghri) effetivament jintuza ghal skopijiet agrikoli b'mod ferm attiv u m'hemm ebda parti tar-raba' li ma tinhadimx, tant illi uhud mill-intimati anke ghamlu serer u bnew gwiebi fuq ir-raba' partikolari taghhom ghexieren ta' snin ukoll u dan kollu bil-permess u l-barka tal-ante kawza tar-rikorrent Mario Galea Testaferrata, u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*(b) Mhuwiex minnu illi hemm hsara fir-raba' kif qed jigi allegat u l-hitan tas-sejjiegh huma essenzjalment mizmuma fi stat tajjeb;*

*(c) Ma saret ebda sullokazzjoni jew cessjoni tal-kirja lil terzi minghajr il-kunsens tas-sid, kif qed jigi allegat;*

*(d) Kwalsijasi zvillup illi sar fuq it-territorju sar bil-permess jew bl-akkwiexxenza tal-ante kawza tar-rikorrent Mario Galea Testaferrata li dejjem acceta l-hlas tal-qbiela minkejja li huwa kien jaccedi regolarment fuq l-art in kwistjoni u ghalhekk kien ben konsapevoli ta' x'hemm u x'm'hemmx fuq dan it-territorju.*

*Ghal darb'ohra jigi mtenni illi dawn il-konsiderazzjonijiet iridu jsiru fir-rigward tal-inkwilini individwalment kif imfisser fl-eccezzjoni numru hamsa (5).*

*7. Illi l-intimati fil-maggoranza taghhom huma full-time farmers waqt li ohrajn huma part-time farmers pero kollha huma bdeiwa illi jehtiegu r-raba' ghall-ghixien taghhom u tal-familji taghhom u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghar-ripreza tar-raba' anke a bazi ta' din il-konsiderazzjoni timmerita illi tigi michuda.*

*8.Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fat u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

Ra li din il-kawza giet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut;

Sema' l-provi;

Ra d-dokumenti;

Ra l-atti kollha;

Ra li skont verbal maghmul fit-18 ta' Mejju, 2016, Vincent Musact li huwa mizzewweg lil Miriam Muscat, u Emanuel Muscat iddikjaraw li huma ma ghandhom ebda interess li jibqghu parti f'din il-kawza, u lesti li jcedu l-pussess tal-istess porzjonijiet raba' indikati f'Dok CC2 lir-rikorrenti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Sema' trattazzjoni;

Ra n-nota tal-attur tal-1 ta' Marzu, 2023, li fiha gie dikjarat li l-pretensjonijiet f'din il-kawza relattivi ghal prozjoni art indikata fuq il-pjanta annessa mal-istess nota, ma ghandhomx jigu nkluzi stante ftehim li gie raggunt mal-eredi ta' Nazzareno Galea;

Ra li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**Xhieda prodotta**

**Joseph Grima (KI 323163M)** spjega li missieru jismu Guzepp u ommu jisimha Frangeska nee' Vella. Huwa spjega li Gamri Vella ma jigix minnu. Huwa spjega li jhallas il-qbiela lil Emanuel Muscat u li dan jigbor il-qbiela kollha. Spjega li huwa ma jinghatax ricevuta minghand Muscat. Spjega li missieru kien ihallas il-qbiela lil missier Emanuel. Qal li ilu jhallas lil Emanuel madwar 25 sena, mentri missieru kien ilu jhallas 'il fuq minn 50 sena.

F'seduta ohra huwa gab pjanta, li fiha indika varji bicciet ta' art li huma fil-pussess tieghu. Spjega li dawn ilhom ghandu iktar minn 25 sena u huwa kien hadhom minghand missieru. Spjega li Lazzru Grima huwa huh. Qal li Manuel Muscat jigbor il-qbiela. Manuel Muscat jigi iben John Mary Muscat, li precedentement, kien jigbor il-qbiela hu. Spjega li huwa jhallas xi zewg ewro. Spjega li l-ktieb jinzamm minn John Mary Muscat. Spjega li John Mary Muscat illum ma ghadux haj, u ghalhekk qed ihallsu lit-tifel tieghu.

**Lazzaro sive Lazzarus Grima** spjega li huwa jahdem bicca mill-art u huwa ghandu l-izghar bicca. Spjega li l-ghalqa tieghu hija wahda. Spjega li huh ihallas lil tal-qbiela. Huwa ma jhallas xejn. Ikkonferma li hemm ohrajn minn hutu li jahdmu dan ir-raba', u cioè certu Carmela Gauci u Maria Borg. Spjega li Maria Borg mizzewga lil Bartolomeo Borg. Spjega li hemmhekk qieghed bejn

hames ahwa, peress li kull wiehed mill-ahwa ghandu parti ndiviza. Spjega li hutu Karmenu u Joey jiehdu hsieb ihallsu.

F'seduta ohra, huwa gab pjanta tar-raba' li ilu f'idejh bejn 35 u 40 sena. Spjega li qabel kienet f'idejn missieru Guzepp. Spjega li huwa jhallas il-qbiela lil Emanuel Muscat, liema qbiela tammonta ghal Ewro. Dak li kellu missieru issa qieghed bejn hames uliedu, li huma hu, Joseph, Charlie Grima, Maria Borg u Karmni Gauci. Spjega li dawn hutu lkoll ghandhom bicciet minn dan ir-raba'. Spjega li huwa jhalli f'idejn hutu ghal hlas tal-qbiela. Spjega li huwa jaghtihom lil huh Joey. Ikkonferma li Bartolomeo Borg jigi r-ragel ta' ohtu Maria, filwaqt li Saviour Gauci huwa r-ragel ta' ohtu Carmen Gauci.

Fit-30 ta' Jannar, 2019, Lazzru Grima xehed li ghandu bicca raba' ta' inqas minn tomna, li fiha hemm serer. Qal li kien jahdimha, izda bhalissa qed tistrieh. Spjega li ilu jhalliha tistrieh. Qabel kien hemm il-prodott li kien jiehdu l-Pitkalija. Huwa kkonferma li gieli kellem lil Mario Galea Testaferrata. Spjega li kien jitla' ma' missieru jaghtuh il-qbiela. Spjega li missieru kien jghid lil Mario Galea Testaferrata, li ser jibni ġiebja, u huwa kien jghid lil missieru Guzepp, li dak li jaghmel ser igawdih. Sostna li Mario Galea Testaferrata gieli gie fuq ir-raba'.

In kontroezami, huwa sostna li r-raba' ilu iktar minn sentejn jistrieh. Spjega li meta kien ghadu jahdem ir-raba' missieru, huwa kien tah dan il-bicca raba' u kien bena serra. Sostna li huwa ghadu jiehu prodott il-Pitkalija, imma minn raba' iehor.

**Perit Carmel Farrugia** kkonferma bil-gurament tieghu, ir-rapport ppreparat minnu, liema rapport ghamlu fuq inkarigu ta' James Galea Testaferrata. Spjega li huwa acceda fuq sit li huwa maghruf bhala Tar-Raghad, limiti tal-Imgarr. Qal li huwa ghamel diversi spezzjonijiet bejn il-11 ta' Ottubru, 2014, u l-10 ta' Frar, 2015.

In kontroezami, spjega li huwa acceda l-ewwel darba fuq dan ir-raba', f'Ottubru 2014, fuq talba tas-Sinjuri James u Anna Galea Testaferrata. Sostna li Mario Galea Testaferrata qatt ma inkarigah jaccedi fuq dan ir-raba' u jipprepara rapport. Sostna li huwa acceda numru ta' drabi, madwar tnax-il darba, wara li nghata l-inkarigu minn James u Anna Galea Testaferrata. Sostna li kien kellem lill-bdiewa jew rapprezentanti taghhom. Spjega li kien hemm bdiewa li kkoperaw u ohrajn le. Spjega li hemm partijiet tar-raba' li jinhadmu b'mod tajjeb. Ikkonferma li kull raba' li hemm jinhadem huwa attrezzat b'sistema ta' pajpijiet. Hemm ukoll porzjonijiet li mhumiex jinhadmu u mhux tajbin biex jinhadmu. Spjega li hemm porzjonijiet li huma tajbin biex jinhadmu, izda mhumiex jinhadmu.

**Vincent Camilleri (KI 820855M)** xehed li l-mara tieghu hija Monica nee' Abela. Spjega li huwa jhallas il-qbiela lil Jimmy Muscat, li jghaddihom lis-sid. Huwa jhallas sittin xelin, u cioè tliet Liri Maltin kull tomna. Spjega li l-ircevuta kienet tohrog ghal kulhadd. Spjega li Jimmy ghandu lista ta' min kien ihallas. Spjega li Jimmy jew John Mary Muscat joqghod il-Manikata. Sostna li huwa ghandu f'idejh, bejn wiehed u iehor, xi hamest itmiem. Dan ir-raba' ilu f'idejh 'il fuq minn erbghin sena. Ikkonferma li huwa jahdem dan ir-raba'. Huwa kkofnerma li l-pjanta a fol 182 tal-process, hija dik l-art li huwa jaghmel uzu minnha. Spjega li huwa jiehu sussidju. Spjega li minn hamest itmiem, jinhadmu tnejn. Spjega li l-ahhar li thallas bhala sussidju, kien madwar ghoxrin Ewro f'sena. Ikkonferma li r-ritratti li hemm wara l-pjanta a fol 87, flimkien mal-istess pjanta, huma ritratti tal-art li huwa jokkupa. Gharaf ukoll iz-ziemel tieghu li jidher fir-ritratti. Ikkonfermat li r-ritratti sa fol 116, juru kollha raba' okkupata minnu.

Vincent Camilleri pprezenta wkoll affidavit, fejn qal li huwa ghadu jaghmel xoghol ta' raba' u registrat bhala *part time farmer*. Qal li ghandu raba' Tar-Raghad. Qal li l-qbiela kien jghaddiha lil Ganni Muscat, u warajh lil Leli Muscat. Sostna li ghandu hames tumoli, imma hemm hafna minnu blat, u ghalhekk mhux tajjeb biex tkabbar prodott. Qal li tlett itmiem minnhom jinhadem u jiehu l-Pitkalija. Sostna li fil-parti tieghu, hemm xi kmamar li ghandu bzonn biex ikun jista' jahdem u biex jinzammu muturi tal-hart, ingenji u ghodda. Sostna li ma' dawn hemm ukoll xi kmamar biz-zwiemel u hmir. Hemm tlieta minn dawn il-kmamar li kien sabhom hemm già u hemm xi

kmamar li saru snin ilu meta kien qed jirranga l-bicca tieghu. Spjega li meta gie biex jaghmel dawn il-kmamar u jghaddi d-dawl, huwa nghata permess minn Mario Galea Testaferrata. Spjega li Mario kien jigi ta' sikwit fir-raba', jdur u jitkellem mal-gabillotti. Spjega li dan kien ra dak li kien ghamel, u anki l-moghdija li ghamel biex jinzel mill-bicca ta' fuq tar-raba' ghal bicca ta' isfel. Spjega li James Galea Testaferrata qed jghid li din il-moghdija qed tintuza bhala korsa taz-zwiemel, izda dan mhux minnu, u fil-fatt din mhux xi moghdija bil-konkos, izda biss bi ftit ramel. Sostna li Mario kien dejjem kuntent bih.

In kontroezami, huwa spjega li missier il-mara tieghu, dejjem qallu li hemm hamest itmiem. Missier il-mara tieghu jismu Carmelo Abela. Ikkonferma li Gamri Muscat kien jigbor il-qbiela u huwa kien jaghtih tnax-il xelin Maltin. Sostna li l-kmamar kienu hemm antiki, u zdiedu xi tnejn, bil-permess tal-papà ta' James Galea Testaferrata. Sostna li huwa zidhom. Sostna li ilu li żidhom, madwar 40 sena. Ikkonferma li ghandu xi zwiemel hemmhekk ukoll, flimkien ma' stalel. Sostna li huwa gieli jtellaq biz-zwiemel. Qal li ghandhu dwieb biex jaghmarhom ghall-ftieh. Spjega li ghandu ghaxart izwiemel u erbat ihmir. Sostna li dan kollu sar bil-kunsens ta' Mario Galea Testaferrata. Sostna li huwa dejjem biz-zwiemel kien u kien irabbi anke nghag u moghoz.

Huwa spjega li lil Nazzareno Galea, illum mejjet, jafu ghax kellu raba' ta' magenbu. Cahad li huwa partat xi raba' mieghu. Sostna li r-raba' tieghu jahdimha hu ghaliex kienu jahdmuha flimkien. Sostna li dan l-uniku raba' li ghandu. Sostna li l-prodott ivarja u jtella' l-Pitkalija, kif ukoll jiehu l-ghajnuna tal-Gvern. Sostna li l-qamh gieli jbieghu u gieli jzommu ghaz-zwiemel. Sostna li issa ilu ftit ma jiehu prodott il-Pitkalija, u cioè madwar 6 jew 7 snin.

**Angela Camilleri (KI 617039M)** xehdet li hija tigi mart Paul Camilleri, u sostniet li ghandhom raba' f'idejhom ta' madwar tomna, liema raba' huwa maghruf bhala Tar-Raghad. Spjegat li hemm tliet biċċiet, izda llum il-gurnata peress li huma anzjani, qed jinhadmu minn l-gharus tat-tifla, li jismu Stefan. Spjegat li hija ghandha 77 sena u li qabel, dan ir-raba' kien ghand missierha. Spjegat li thallas il-qbiela. Ikkonfermat li missierha kien jismu Pawlu Vella. Spjegat li n-nannu taghha kien jismu Lazzru. Sostniet li hija ghandha huha

jismu Gamri Vella. Kompliet issostni li hija kienet taghti l-qbiela lil Manuel Muscat. Spjegat li missierha dejjem hekk kien isemmi.

**John Muscat (KI 607560M)** xehed li din l-ghalqa, li mmarka li qieghda fil-pussess tieghu, ilha ghandu mill-2004, wara li miet missieru, John Muscat. Spjega li minn dejjem kienet fil-pussess tal-familja tieghu. Spjega li l-kugin tieghu John Mary Muscat, imur ihallas il-qbiela u hu jhallas sebgha u tletin centezmi Maltin. Sostna li huwa ma jinghatax ircevuta tal-hlas. Sostna li huwa jahdem dan ir-raba', izda ma applikax ghal sussidju.

John Muscat ipprezenta affidavit, fejn qal li huwa jahdem dan ir-raba' li ha minghand missieru. Qal li fiha tomna u li tifforma parti minn territorju ikbar. Qal li gieli ghamel ful, basal, patata u prodotti tal-wicc. Qal li hemm ukoll xi bajtar li jaghmel it-tin. L-art hija baghli u bhalissa qieghda qamh biex tistrieh. Sostna li f'xi żmien, il-Gvern kien ha bicca mill-art biex iwessa' t-triq u kisser il-hajt tas-sejjieh. Qal li missieru kien ha hsieb a spejjez tieghu, jibni hajt gholi. Qal li l-qbiela kien jiehu hsiebha Censu Muscat, u illum il-gurnata Jimmy Muscat. Qal li s-sinjur dejjem accetta l-qbiela.

In kontroezami, huwa spjega li r-raba' li jahdem, fiha kejl ta' tomna u l-prodott li jkabbar juzah ghall-konsum tieghu. Huwa jahdem bhala mastrudaxxa fiz-Zebbiegh. Spjega li fir-raba' hemm hajt gdid li ghamlu missieru madwar 30 sena ilu, ghaliex meta twessghet it-triq, il-Gvern ma regax bnieh il-hajt. Cahad li fethu parti mill-hajt. Qal li hemm bicca fejn jipparkja l-vann, u qabel kien hemm fetha izghar. Qal li qabel, din il-fetha kienet li tidhol bil-karettun darba f'sena, u twessa' minn karettun ghal van. Cahad li hemm xatba, izda hemm biss fetha minghajr xatba. Qal li fil-fetha jitpogga kantun fuq rasu biex ma jidhol hadd.

**John Mary Muscat KI 160842M** xehed li huwa ghandu raba' tar-Raghad li jahdimha dwieli. Qal li huwa ilu jahdem dan ir-raba' ghal erbghin sena, u qabel kienet ghand missieru, Karmnu Muscat. Karmnu jigi hu Vincent Muscat.

Spjega li huwa jħallas xi ħaġa, izda minflok jagħtih il-flus, iħallaslu l-qbiela ta' raba' ieħor, biex b'hekk issir tpacija. Spjega li jħallas madwar Ewro.

Dan ipprezenta wkoll affidavit li qal li l-qbiela dejjem tħallset lil Censu Muscat, li kien jieħu ħsieb jiġbor il-qbiela ta' kulħadd. Qal li Mario Galea Testaferrata kien jitla' sikwit fir-raba' Tar Ragħad, u dejjem kien jitkellem miegħu. Qal li huwa reġistrat bħala *part time farmer* u fit-tmien sigħan li għandu, jagħmel dwieli.

In kontroezami, huwa spjega li lil Pio Galea jafu. Huwa sostna li ma ċeda l-ebda parti lil Pio Galea. Sostna li fir-raba', hemm dwieli, imma mietu minnhom. Sostna li kellu tmien sigħan raba'. Naqsu nofs id-dwieli. Sostna li kien jieħu ħafna qabel. Sostna li llum waqaf ftit mix-xogħol.

**Emanuel Muscat KI 487661M** xehed li huwa għandu biċċa raba' f'Tar-Ragħad u ilu jaħdimha madwar 28 sena. Qabblu, dan ir-raba' kien jinħadem minn missieru, John Mary Muscat. Spjega li Ganmari Vella jiġi missier ommu, u cioè n-nannu tiegħu. Spjega li l-ħlas għal dan ir-raba' kien jingabar minn nannuh, imbagħad minn missieru, u issa qed jiġborhom huwa. Spjega li huwa u Jimmy Muscat kienu jmorru jħallsu lis-Sur Galea Testaferrata. Spjega li qabel, kienu jmorru jħallsu missirijiethom, u cioè Gan Mari Vella u Vincent Muscat. Imbagħad bdew imorru jħallsu GanMari Muscat (li jiġi missieru) u Vincent Muscat. Wara li mietu missirijiethom, bdew imorru hu u Jimmy Muscat. Spjega li huma jiġbru l-qbiela mingħand l-oħrajn, u mbagħad imorru jħallsu lis-sinjur. Sostna li jmorru mbagħad bil-ktieb u s-sinjur jiffirmalhom l-irċevuta. Spjega li huma jiġbru madwar *five twenty five* kull wieħed, hu u Jimmy, u sussegwentement, imorru jħallsu lis-sid tal-art. Spjega li l-kwatern qiegħed fuq in-nannu tiegħu.

Ikkonferma li s-sid preċedenti, kien jaf min huma l-inkwilini kollha. Spjega li huwa ma għandux informazzjoni li kien hemm xi terzi persuni li ħadu pussess ta' dan ir-raba'. Huwa sostna li skont ma jaf hu, ma daħal ħadd ġdid f'dawn l-ambjenti.

Huwa pprezenta affidavit, fejn ikkonferma li huwa registrat bhala *part time farmer* u ghandu raba' f'dawn l-ambjenti ta' madwar tomna u nofs. Qal li qabel kien jahdem dan ir-raba' missieru, u qabblu, in-nannu. Qal li l-art hija baghli u taghti prodott bhala basal, tewm, patata u qamh. Qal li huwa kien ihallas il-qbiela lis-sinjur, u flimkien mal-kugin Jimmy Muscat, kienu jigbru l-qbiela kollha tal-gabilotti kollha. Qatt ma kien hemm problemi fuq hlas u Mario Galea Testaferrata kien jaccetta l-qbiela, u anke jigi fuq ir-raba'. Huwa dawru diversi drabi. Sostna li wara l-mewt ta' Mario, hu u Jimmy kienu marru jhallsu lil Simon Galea Testaferrata, u dan kien accetta l-qbiela ghan-nom tal-werrieta.

In kontroezami, huwa spjega li ghandu ktieb tal-ircevuti. Qal li ktieb wiehed kien hemm. Spjega li missieru u missier Jimmy, kienu jigbru l-qbiela ta' kulhadd. Qal li l-ahhar ircevuta qieghda fuq John Mary Muscat. Spjega li missieru mejjet. L-ahhar li hallas qbiela kienet thallset lil Dr Simon Galea Testaferrata. Sostna li huwa dejjem kien jigbor il-qbiela minghand il-bdiewa. Fuq il-ktieb kien hemm dejjem imnizzel John Mary Muscat u Vincenzo Muscat. Isem il-bdiewa l-ohra ma kienx ikun imnizzel. Spjega li dawn kienu jigbru l-qbiela ta' kulhadd, biex imbaghad ma joqghodx imur kulhadd ghand is-sid. Huwa cahad li ceda xi parti mir-raba' tieghu lil haddiehor. Qal li ghandu bejn wiehed u iehor art ta' madwar tomna u nofs, bix-xaghri b'kollox. Sostna li l-bicca li qieghda f'idu, ghamilha qamh is-sena l-ohra. Ta' qabel kien ghamilha ful.

**Joseph Muscat KI 424466M** xehed li huwa jigi hu John Mary Muscat, li joqghod il-Manikata. Ikkonferma li huwa jahdem bicca raba' tar-Raghad, sa mis-sena 2008. Sostna li qabel, din kienet ghand missieru, Vincenzo Muscat. Missieru kien jigbor il-qbiela u jmur ihallas flimkien ma' iehor, lil sid il-ghalqa. Sostna li huh John Mary Muscat, issa qed jigbor il-qbiela minflok missieru. Spjega li huwa jhalli f'idejn huh biex ihallas sehmu mill-qbiela. Spjega li r-raba' li ghandhom qed jinhadem bejn tlieta, li huma John Mary Muscat u Stephen Muscat, ilkoll ulied Vincenzo Muscat.

**John Mary Muscat KI140569M** xehed li hu jaghmel uzu mill-istess art li ddeskriva Joseph Muscat, flimkien ma' huh l-iehor, Stephen Muscat. Huwa jigbor qbiela minghand John Muscat u John Mary Muscat. Spjega li huma kienu jpartu ma' xulxin il-qbiela, fis-sens li l-ohrajn ihallsu band' ohra, u huma jhallsu dik il-qbiela. Spjega li l-ahhar ircevuta li thallset kienet fil-11 ta' Ottubru, 2010, u ghadha tghajjat fuq missieru u n-nannu tal-persuna l-ohra. Sostna li qabel missieru Vincenzo Muscat u missier Emanuel Muscat, kienu jmorru jhallsu lis-sid.

In kontroezami, huwa qal li l-ktieb tar-raba' qieghed ghand Leli Muscat jew hutu. Qal li huwa jigbor qbiela minn naha tal-familja tieghu Muscat. Jigbor taht Ewro. Spjega li kien mar il-Belt fejn Dr Simon Galea Testaferrata, biex ihallas. Sostna li huma ghandhom tmienja jew disgha sighan bejn tlett ahwa. Qal li hu u huh Stephen Muscat, jiehdu hsieb ir-raba' li jmiss mat-triq. Spjega li kien hemm zmien li kien fiha l-ingenji, bhal trakkijiet u spare parts, u kien hemm *enforcement notice*. Spjega li l-*enforcement notice* nharget kontra Charlie u Piju Galea. Sostna li dawn tpoggew minn Galea, bil-kunsens ta' Mario Galea Testaferrata. L-ingenji kienu ta' certu Indri Galea u t-tfal tieghu. Spjega li missieru qallu b'dan kollu. L-Ingenji tnehhew u kienu tpoggew fuq raba' bil-hamrija. Sostna li Mario Galea Testaferrata kien awtorizza li jitpoggew dawn l-ingenji, ghax Indri Galea u t-tfal tieghu kienu jaghtuh *spare parts* li kien ikun jinhtieg.

**Stephen Muscat KI 53171M** xehed li huwa jigi hu Jimmy Muscat u Joseph Muscat. Spjega li din l-art tinhadem. Cahad li din tintuza bhala *scrap yard* u li hemm *enforcement notice* fuqha. Ikkonferma li huwa jiehu sussidju minn fuq dan ir-raba'. Baqa' jinsisti li huwa u hutu qed jahdmu dan ir-raba'.

**Nazzareno Galea KI 138256M** spjega li huwa ghandu bicca raba' tar-Raghad fil-pussess tieghu. Cahad li huwa ghandu *scrap yard* f'dan ir-raba' jew li kellu xi *enforcement notice* fuqha. Sostna li huwa jahdem dan ir-raba' u jiehu xi sussidju tal-qamh. Jiehu madwar €32 fis-sena. Spjega li dan ir-raba' gie ghandu b'wirt minghand missieru Carmelo Galea. Spjega li Carmela Galea hija ommu

u Francesco Muscat huwa z-ziju. Huwa sostna li ma jafx li missieru kien partat ma' zijuh, raba' tieghu ma' dan ir-raba'.

Dan ipprezenta wkoll affidavit, fejn qal li huwa registrat bhala *full time farmer* u ghandu raba' f'dawn l-ambjenti. Qal li ghandu bicca ta' hamest itmiem u dahal wara missieru. Qal li l-qbiela kienet tingabar minghand Gio Maria Vella, li kien jghaddiha lis-Sinjur. Qal li tlett itmiem jinhadmu, ghax il-bqija blat u xaghri. Qal li ghalkemm il-hamrija baghli, huwa jkabbar prodott tal-wicc. Qal li huwa gieli nzerta lil Mario Galea Testaferrata fuq ir-raba', u dan kien jiehu pjacir jara kif qed tintuza l-art.

**John Gauci KI 448669M** sostna li huwa jahdem bicca raba' u mhux dejjem jahdmu bl-istess mod. Qal li l-ahhar li hadimha, kienet qamh u hass. Ikkonferma li huwa jiehu xi sussidju. Spjega li dan ir-raba', qabel kien ghand il-genituri tieghu, John Mary Gauci u Maria Muscat. Spjega li dan ir-raba' gej min-naha ta' ommu, u n-nannu tieghu kien GannMari Muscat.

**Carmel sive Charles Grima KI 232361M** spjega li huwa jahdem raba' li qieghed bejn il-familja kollha. Spjega li dan ir-raba' jinhadem minnu u minn huh bi shab, peress li huma bdiewa *full time*. Huh jismu Joseph Grima. Spjega li dan ir-raba' gie minghand missieru Joseph Grima. Spjega li huma jhallsu lil Vella u issa jhallsu lit-tifel ta' Vella. Qal li huwa jigbor il-flus tal-familja kollha u cioè xi tliet Ewro fis-sena. Spjega li ma' dan ir-raba' ghandhom x'jaqsmu wkoll Saviour Gauci, Bertu Borg u Lazzaro Grima. Qal li dawn kollha jigu t-tfal ta' Guzepp Grima. Qal li fuq il-ktieb kien jiffirma s-sid, Mario Galea Testaferrata.

Dan rega' xehed fit-30 ta' Jannar, 2019, fejn spjega li huwa bidwi *full time* u jahdem flimkien ma' huh, Joseph Grima, dan ir-raba'. Spjega li Mario Galea Testaferrata kien habib ma' missieru. Spjega li kull darba li saret xi haga fir-raba', Mario kien jigi nfurmat, bhal meta saru l-gwiebi u s-serer. Spjega li qabel ma nbnew is-serer, missieru kien qallu li jridu jinfurmaw lil Mario Galea Testaferrata, li meta mistoqsi, kien accetta. Spjega li fuq in-naha taghhom, hemm erba' serer u jinhadmu b'mod regolari. Spjega li hawlu anke z-zebbug.

Spjega li r-raba' l-iehor jinhadem bzar, hass u kabocci. Spjega li ghandhom giebja msaqqfa li nbniet ghall-irrigazzjoni. Il-giebja ghandha l-ghatu fuq bil-pompa mqabbda go fiha. Spjega li ssaqqfet minhabba d-*drip irrigation*.

In kontroezami, huwa spjega li missieru miet. Sostna li d-diskors ma' Mario Galea Testaferrata sar aktar minn 13-il sena ilu. Huwa qatt ma talab xi permess minghand it-tfal ta' Mario Galea Testaferrata. Spjega li kien hemm gharix imsaqqaf biz-zingu u ntuza biex jirrangaw l-ingenji go fih. Hemm tractor li ghadhom kif daruh. Spjega li huma ghandhom raba' iehor lil hinn mill-hajt. Huwa cahad li fethu din l-ghalqa ghal gor-raba' l-iehor. Meta gie muri mill-pjanta a fol 339, huwa spjega li hemm moghdija u biex jippumpjaw l-ilma gol-gwiebi, Mario Galea Testaferrata kien gie nfurmat minn missieru li kienu ser jghaddu minn hemm biex tinxteghel il-pompa. Ikkonferma li fl-antik, kien hemm hajt gholi u issa hemm fetha. Ir-raba' fuq in-naha l-ohra huwa ta' Pawlu Camilleri. Sostna li huwa minn dejjem jiftakarha dik il-fetha.

**Bartolomeo Borg KI 790346M** spjega li huwa ghandu bicca raba' li jahdem u li giet ghandu minghand hatnu Joseph Grima. Qal li Carmel Grima jigi hu l-mara tieghu. Qal li l-flus tal-hlas kienu jingabru minn Carmel Grima. Sostna li huwa saqwi jaghmilha dan ir-raba', u l-ilma jgibu minn gor-raba' iehor ta' hatnu, li fiha giebja. Spjega li dan l-ilma jintuza minnu, minn Charlie Grima, Joe Grima u Salvu Gauci. Spjega li hemm spiera antika go ta' Joseph Grima. Spjega li fejn hemm l-ispiera, jintuza minn ohrajn.

**Pio Alexander Camilleri KI 374763M** xehed li ilu jahdem zewg porzjonijiet art Tar-Raghad xi 15-il sena, u qabel kienu ghand missieru, kif ukoll ghand nannuh. Spjega li missieru kien jismu Wigi, u nannuh Piju Camilleri. Ikkonferma li huwa jhallas lill-familja Muscat. Sostna li huwa ghandu madwar tomna raba' f'idejh. Sostna li huwa ma ghandux ircevuti.

Huwa pprezenta affidavit, fejn spjega li ghandu bicca raba' f'dawn l-ambjenti u missieru ghandu tliet bicciet ohra. Qal li l-bicca tieghu hija ta' madwar tomna.

Qal li huwa dejjem hadem ir-raba' tieghu b'mod intensiv. Qatt ma kellu problemi fuq din l-art, u kien jghaddi l-hlas lil Gamri u Leli Muscat.

In kontroezami, huwa gharaf ir-raba' li hemm a fol 129, u qal li fuq fejn hemm il-harruba, huwa tieghu. Qal li ghandu tomna u ftit raba' f'idejh. Qal li jahdem *part time* fir-raba', kif ukoll jahdem ma' fabbrika. Qal li huwa jahdem ir-raba' filghaxijiet u nhar ta' Sibt. Qal li huwa jmur isaqqi u gieli anke mar filghodu qabel ix-xoghol. Sostna li l-ilma jiehdu hu minn tank. Cahad li huwa dilettant tal-insib.

**Louis Camilleri KI 324435M** spjega li huwa ghadda xi raba' lil uliedu u ohra zammha f'idejh. Huwa ezebixxa pjanta li fiha jidhru indikati, r-raba' li jahdem hu. Spjega li huwa wiret xi raba' minghand missieru u kien hemm raba' iehor li ha min-naha tal-mara, li jisimha Rita nee' Muscat. Missier martu kien Frangisku Muscat. Sostna li huwa kien ihallas lil Gann Maria Muscat. Spjega li l-ircevuta kienet tinghata lil min imur ihallas.

**Saviour Gauci KI 309241M** xehed li huwa jahdem xi raba' gewwa l-Imgarr. Spjega li dan ir-raba' gej min-naha tal-mara, Carmen nee' Grima. Spjega li ilu jahdem dan ir-raba' madwar 48 sena. Spjega li kien ihallas lill-kunjata, Frangiska Grima, u kienu jigbru l-flus. Spjega li huwa ghadu jhallas lill-kunjata. Sostna li l-kunjata taghmillu rcevuta. Sostna li Lazzru Grima hu hu l-mara tieghu.

**Anna Galea Testaferrata** pprezentat affidavit, fejn spjegat li James Galea Testaferrata huwa r-ragel taghha. Qalet li wara li hu u hutu ghamlu kuntratt ta' divizjoni fid-19 ta' Lulju 2012, hi u James bdew jaraw ir-raba' li gew assenjati lilu. Sostniet li dwar ir-raba' tar-Raghad, kienu kellmuhom Jimmy Muscat u Leli Muscat, li offrew li jhallsu l-qbiela, izda dawn gew infurmati li l-qbiela mhux ser tigi aċċettata, u li riedu jmorru fuq il-post. Sostniet li kienu marru jiltaqghu mal-bdiewa fuq il-post, u nghataw pjanti mmarkati. Spjegat li l-ahhar ricevuta li hemm fil-file, hija bid-data tal-11 ta' Ottubru, 2010, favur Gio Maria Vella u Vincenzo Muscat, ghal Awissu 2010. Sostniet li hija ghamlet varji

eżerċizzji, bit-tentattiv li tasal ghal min huma l-okkupanti u x' relazzjoni ghandhom ma' Gio Maria Vella u Vincenzo Muscat. Inkarigat lill-Perti Perit Karmenu Farrugia, u mir-rapport estensiv li pprepara, jirrizulta li parti sostanzjali tal-art ma kinitx tintuza ghal skopijiet agrikoli, u hemm hafna hsara fiha. Sostniet li hemm xi okkupanti wkoll li m'ghandhomx titolu fuq l-istess raba'. Fl-istess affidavit imbaghad, ghaddiet biex tispjega fid-dettal l-okkupanti u dak li waslet ghalih mill-konstatazzjonijiet li ghamlet.

F'affidavit ulterjuri, Anna Galea Testaferrata spjegat li qabel ma nkarigaw lill-Perit Carmelo Farrugia, kienet marret fuq il-post ma' żewġha, u fil-parti tar-raba' fejn kien hemm *dumping site,* hadu diversi ritratti. Fuq dan is-sit kien hemm *enforcement notice* mill-MEPA, u anke ttiehdet *direct action*.

In kontroezami, Anna Galea Testaferrata kkonfermat li sakemm kien ghadu haj Mario Galea Testaferrata, huwa kien jiehu hsieb il-proprjetà tieghu. Ikkonfermat li f'dawk iz-zminijiet, qatt ma kienu marru fuq is-sit in kwistjoni. Il-qbiela kienet tingabar minn Mario Galea Testaferrata, u meta miet, Dr Simon Galea Testaferrata kien l-ezekutur testamentarju, u ghal sentejn, gabarha hu. Ikkonfermat li l-bdiewa kienu jafu lil Mario Galea Testaferrata. Sostniet li l-bdiewa kienu jmorru jhallsu lil Mario, u li huwa rari kien imur fl-ghalqa. Sotniet li meta Jimmy Muscat mar biex ihallas, huwa kien qal li jaqbad u johrog il-flus hu, ghaliex ma kienx ser joqghod jigbor Ewro minghand kull bidwi. Sostniet li Mario Galea Testaferrata miet fid-9 ta' Gunju, 2008. Ikkonfermat li fl-4 ta' Mejju, 2013, kienu marru fuq il-post ghall-ewwel darba. Spjegat li hija talbet il-karta tal-identità ta' kulhadd.

Spjegat li tathom pjanta vojta biex jimmarkaw il-parti li hija taghhom, kif ukoll staqsiethom dwar dettalji personali tal-familja taghhom. Hija ma tiftakarx li staqsiethom dwar kemm kienu ilhom jahdmu dan ir-raba'. Ikkonfermat li l-bdiewa kollha qalu li kienu jghaddu sehemhom lil John Maria Vella u Vincenzo Muscat. Sostniet li Lazzarus biss ma kienx gie.

Sostniet li meta marret taghmel il-verifiki mal-Paying Agency, dawn spjegawlha kif tigi registrata l-art. Sostniet li Nazzareno Galea kien stqarr maghha, li huwa kien partatha din l-art, u li per konsegwenza, ma ghandux titlu fuq l-art mertu ta' din il-kawza. Sostniet li hija ma tafx kemm kienu ilhom hemm dawn l-illegalitajiet. Sostniet li Mario Galea Testaferrata kellu file ghal kull proprjetà li kellu, u li kieku ta permess ghaz-zwiemel jew ghal xi mechanic jew ghal xi serer, huwa kien inizzel. Izda minn dan, ma hemm xejn. Sostniet li l-ghelieqi kollha gew mikrija ghal agrikultura. Hija sostniet li ma saret l-ebda kawza ohra biex jigu zgumbrati dawk in-nies, li skont hi ma ghandhomx titlu fuq dan ir-raba'.

**Oliver Magro in rapprezentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar** ezebixxa *aerial photos*. Spjega li bhala applikazzjonijiet, kien hemm DNO 270/1999 biex tinbena *pump room*, bl-applikant ikun Carmel Grima. Spjega li l-permess inhareg fi Frar 1999. Spejga li kien hemm *enforcement notice* EC 562/2005 mahrug fuq Charles Galea, minhabba li kien hemm deposit ta' skart ta' bini, ipparkjar ta' ingenji ta' kostruzzjoni u qtugh ta' blat. Spjega li l-Awtorità kienet marret tnehhi l-izvilupp illegali u Galea hallas il-kontijiet relattivi. Id-*direct action* ittiehdet mill-Awtorità fl-2014 u l-kont thallas fl-2016.

**Joseph Borg in rapprezentanza tal-Ghammieri** ezebixxa dokumenti dwar min kien registrat fuq ir-raba'. Spjega li jkun hemm ukoll imniżżel, huwiex xaghri fir-registru. Semma lil Gamri Muscat, bir-referenza, 215 Mgarr li kellu plot 174 fuq mappa 36. Kien hemm Karmni Muscat bir-referenza 213 u kellha plot 306. Zarenu Sant kien bir-referenza numru 273 St Paul's Bay u kellu l-plots 301 u 171. Kien hemm Manwel Muscat bir-referenza 229 St Paul's Bay u kellu plots 183B, 303 u 311. Spjega li fuq il-list kien hemm tnejn ohra 302 u 308, izda ma setax isibhom. Spjega li kien hemm John Gauci bir-referenza 168 St Paul's Bay u kellu plot 178. Kien hemm Pio Vassallo bir-referenza numru 264 Imgarr u kellu plot 307, izda kien hemm nota li dan emigra fi 1956, u r-raba' dar fuq Michael Gauci bir-referenza numru 431 Imgarr. Spjega li kien hemm ukoll Carmelo Muscat bin-numru ta' registrazzjoni 468 u plot numru 305, izda din daret tliet darbiet minn fuq Emanuel Muscat bir-referenza numru 986 Imgarr u imbaghad ghal fuq Raymond Muscat bir-referenza numru 1026 Imgarr.

F'seduta ohra, Joseph Borg ezebixxa pjanta. Spjega li sab registru ta' Carmelo Muscat bir-referenza 1838. Din daret fuq Maryanne Muscat u kienet tirrigwarda tomna. Sostna li dwar il-parcel 180, huwa ma sabux ir-registru. Spjega li plot 177 mhux qieghda miktuba fuq ir-registru. Spjega li fejn hemm artijiet indikati izda ma hemmx numru maghhom, dan ifisser li mhumiex registrati.

**Pio Galea KI 249660M** pprezenta affidavit, fejn qal li huwa kien jaf lil Mario Galea Testaferrata, u li dan kellu hafna raba' got-territorju tar-Raghad fl-Imgarr. Qal li huwa kien ihobb jixrob mieghu fil-kazin ta' Haz-Zebbug. Sostna li Mario kien jitla' kemm-il darba jara r-raba' tieghu, u huwa kien idur mieghu u jdawwru, u dana peress li huwa jghix vicin. Sostna li Mario dejjem kien kuntent bil-gabilotti, u kien hemm zmien fejn huwa kien talbu biex ihalli xi ingenji f'bicca zghira ta' dan it-territorju, u dan kien tah permess. Sostna li xi erba' xhur qabel ma' miet, huwa gie jdur ir-raba', u persuna minn tal-familja tieghu kienet gibditlu l-attenzjoni ghall-fatt li kien hemm l-ingenji tieghu f'parti zghira mir-raba', u Mario kien infurmah li dan kollox kien bil-permess tieghu.

In kontroezami, huwa spjega li huwa kuntrattur u huwa kien ihalli xi ingenji fir-raba', bil-kuntentizza ta' Mario Galea Testaferrata. Sostna li dan ir-raba' mhux tieghu u ma jhallas xejn. Qal li minn meta miet Mario Galea Testaferrata, huwa nehha l-ingenji u ma ghadx ghandu x'jaqsam ma' dan ir-raba'. Huwa kkonferma li kien hemm *enforcement* tal-Awtorità ta' l-Ippjanar, izda Mario Galea Testaferrata dejjem kien iwaqqfu.

**John Mary Camilleri KI 591864M** spjega li missieru Pawlu Camilleri ghandu tliet bicciet raba' fl-inhawi. Qal li dawn it-tliet bicciet jinhadmu mill-familja tieghu u jitkabbru prodotti bhal hass, bzar, frawli, kabočči, skont l-istagjun. Huma dejjem hadu hsiebu u s-sinjur huwa Galea Testaferrata. Qal li kien hemm varji qatghat bi bdiewa differenti u kulhadd jahdem tieghu.

In kontroezami, huwa spjega li jahdem bhala *handyman*. Spjega li hemm xi tomna u nofs raba'. Sostna li llum dan ir-raba' qed jinhadem mis-sieheb ta' ohtu u ilu jsir hekk ghal dawn l-ahhar 10 snin. Sostna li huwa jghinu *part time*. Ikkonferma li mir-raba' jigbor prodott li jinbiegh il-Pitkalija. Qal li ghandhom tomnejn raba' ohra li huwa frank. Ikkonferma li l-*partner* ta' ohtu jdahhal il-prodott kollu gewwa l-Pitkalija u mhux biss il-prodott li jitkabbar minn dan ir-raba' in kwistjoni. Missieru ghadu haj u l-qbiela qieghda fuq missieru. Sostna li r-raba' huwa registrat ghas-sussidju fuq Stefan Muscat. Cahad li hemm xi kamra jew xi konkrit f'dan ir-raba'.

**Ikkunsidra:**

Il-membri teknici mahtura ppreparaw ir-rapport taghhom, li fih ghamlu varji konstatazzjonijiet u waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

*"B' kumment generali jista' jinghad li l-istrutturi li huma mibnija ghal skopjiiet ta' stallel huma strutturi mibnija minghajr sengha u arti. Il-materjal li ntuza ghall-bini ta' dawn il-kmamar mhumiex dak li jintuza fi kmamar agrikoli ghax fil-maggor parti dawn mibnija bil-bricks u pjanci tal-hadid. Il-hbula, partikolarment f' zona 1, huma mibnija b' bricks mimdud u mhux tas-sejjieh kif mistenni li ssib f' ghelieqi haba dawn. Kien hemm xi selhiet mifruxin mal-ghelieqi hekk kif indikati bhala RW f' dokument P1. Intlemah ukoll imbarazz mitfuh 'l hawn u 'l hinn hekk kif indikat fir-ritratti f' dokument p2. Il-gwiebi, kmamar anciljari u s-serrer huma fi stat tajba. Fil-kaz tal-kamra P, dan qed jintuza ghal skopijiet ulterjuri minn dak agrikolu.*

*Ir-raba' suggett ghar-rikors huwa generalment raba' baxx, parti minnu blat fil-wicc, u parti minnu xaghri. Uhud mill-intimati qeghdin jaghmlu uzu tajjeb mir-raba' kif indikat dwar xi intimat individwalment. Fil-fatt parti mil-lokazzjoni hemm serrer u xi tunnels tal-plastic. Parti mil-lokazzjoni pero' hija uzata primarjament bhala stalel taz-zwiemel."*

L-istess membri teknici gew ukoll eskussi u wiegbu bil-miktub ghad-domandi maghmula lilhom.

**Ikkunsidra:**

Dan il-Bord sejjer fl-ewwel lok, jezamina l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati.

Jirrizulta li fit-talbiet tar-rikors promotur, ir-rikorrenti fost ohrajn, talab li "previa occorrendo kull dikjarazzjoni dwar min verament kellu u ghandu jigi meqjus bhala l-gabillot ossija l-inkwilin ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi", dan il-Bord joghgbu jawtorizza r-ripreza tal-pussess tal-ambjenti in kwistjoni a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 199.

Fil-premessi tar-rikors promotur, ir-rikorrenti kien ippremetta li l-intimati qeghdin jivvantaw titolu ta' gabillotti fuq l-istess raba', kif jidher minn kopja ta' cedola ta' depozitu annessa bhala Dok B, u kif ukoll ippremetta li huwa ghandu taghrif li whud mill-intimati jistghu verament ikunu successuri tal-imsemmija Gio Maria Vella u/jew Vincenzo Muscat, izda dwar l-ohrajn, huwa ma ghandu indikazzjoni ta' xejn.

L-intimati ressqu fost eccezzjonijiet ohra, eccezzjoni ta' nullità tar-rikors promotur, stante konfuzjoni ta' kawzali u talbiet, u eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ta' dan il-Bord ratione materiae.

Il-Bord jaghmel referenza ghal dak li ntqal minn dan il-Bord hekk kif diversament ippresedut, **bir-rikors numru 1/2014, deciz fil-15 ta' Ottubru, 2015, fl-ismijiet, A. Bonello Limited vs Louis Agius u Carmel Agius,** fejn kienet tqajjmet eccezzjoni ta' res judicata, in vista li precedentement kienet saret kawza quddiem il-Qrati Civili, fejn kien intalab zgumbrament in vista ta' allegazzjoni li l-intimati kienu bla titolu ta' inkwilinat, u sussegwentement, infetehet kawza ghal ripreza quddiem dan il-Bord hekk kif diversament ippresedut, a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 199. Il-Bord ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti kienet ġia ħadet passi ġudizzjarji kontra l-intimati dwar l-istess raba permezz ta' kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex, Inferjuri, fejn talbet l-iżgumbrament tagħhom minn din ir-raba għar-raġuni li, allegatament, kienu qed jokkupawha mingħajr titolu.*

*F'dik il-kawża s-soċjeta' rikorrenti ma ngħatatx raġun u ġie deċiż, kif konfermat fl-Appell, li l-intimati presenti kelhom titolu validu ta' qbiela fuq ir-raba fid-detenzjoni tagħhom.... Fil-każ in eżami m'hemmx dubbju li qegħdin nitrattaw dwar l-istess raba' li kienet indikata fil-kawża hawn fuq indikata (eadem res). Il-partijiet fiż-żewġ proċeduri huma l-istess ukoll: minn naħa s-soċjeta' kummerċjali "A. Bonello Ltd." u minn naħa l-oħra Luigi u Carmelo aħwa Agius (eadem personae). Imma jista' jingħad li fir-Rikors odjern tassew għandna wkoll l-istess causa petendi kif qed jikkontendu l-intimata b'din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom.*

*Huwa minnu illi fiż-żewġ kawżi t-talba kienet għall-iżgumbrament tal-intimati mill-istess raba'. Imma r-raġuni għaliex is-soċjeta' rikorrenti kienet qed tagħmel dik it-talba fil-kawża quddiem il-Qorti Inferjuri kienet differenti miż-żewġ raġunijiet miġjuba quddiem dan il-Bord.*

*Dakinhar is-soċjeta' rikorrenti kienet qed tippretendi li l-intimati ma kellhomx titolu validu fuq din ir-raba, għax allegaw li kienu rrikonoxxew biss lil ħuhom Tarcisio li sussegwentement kien miet guvni. Fir-rikors odjern il-kawżali huma tnejn differenti, u filwaqt li llum s-soċjeta' rikorrenti tirrikonoxxi lill-intimati bħala inkwilini tagħha, u ma tistax tagħmel mod ieħor minħabba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemija, issa qegħdha tgħid li għandha dritt tieħu lura l-pussess tar-raba għax għandha bżonnha u għax l-intimati ttraskurawha, żewġ raġunjiet, jekk jiġu ppruvati, għaliex il-Bord jista' jawtorizza r-ripresa.*

*Bir-rispett kollu, l-argument tal-intimati fin-Nota ta' sottomissjonijet tagħhom dwar din l-eċċezzjoni, li s-soċjeta' rikorrenti messa ressqet dawn il-kawżali fil-kawża preċedenti, u li konsegwentement ma tistax tqajjimhom fi proċeduri oħra biex tittenta tistultifika d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, ma jreġix.* ***Dik il-kawża kienet ibbażata unikament fuq in-nuqqas ta' titolu, u kien għalhekk li A. Bonello Limited irrikorriet quddiem il-Qorti u mhux quddiem dan il-Bord li għandu kompetenza esklussiva dwar il-kiri ta' raba' agrikola. Għalhekk ir-raġunijiet li qed tressaq illum din is-soċjeta' għall-iżgumbrament tal-intimati qatt ma***

***setgħu jinġiebu quddiem il-qrati ordinarji, u ġialadarba ġie deċiż li kien  hemm titolu validu ta' qbiela, is-soċjeta' rikorrenti ma kellha ebda  alternattiva ħlief li tirrikorri għal dan il-Bord biex titlob it-terminazzjoni  tal-kirja u r-ripresa tar-raba de quo."*** *(enfazi mizjud minn dan il-Bord).*

Issir referenza wkoll ghal sentenza ta' dan il-Bord hekk kif diversament ippresedut, moghtija fit-18 ta' Mejju, 2011, bir-rikors numru 1/2008/1, fl-ismijiet, **Consiglio Seychell (ID 43642M) Joseph Seychell (ID 686132M) Michelina Buttigieg (ID 624638M) Katie Micallef (ID 177150M)  Carmen Desira (ID 26644M) li qeghda tidher kemm  ghan-nom taghha kif ukoll kif awtorizzata li tidher  ghan-nom ta' ohtha imsiefra Emanuela Camenzuli, Ephron Mercieca (ID 457981M) Silvana Muscat (ID 522472M) Dervon Mercieca (ID 552474M) vs Alfred Cassar**,  fejn tqajjmet eccezzjoni tal-inkompetenza ta' dan il-Bord, stante li l-azzjoni quddiem dan il-Bord sabiex wiehed jirriprendi lura l-pussess tar-raba', tispetta biss lis-sid meta jkun hemm relazzjoni ta' sid u kerrej, dana a tenur tal-Artikolu  3 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta.  Il-Bord qal:

*"Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan il-Bord rationae materiae;*

*Illi l-eccezzjoni preliminari tal-intimati kienet motivata mill-fatt illi l-istess intimati ihallsu qbiela fuq dan ir-raba' lill-Ufficcju Kongunt u ghalhekk isostnu li ma ghandhom l-ebda relazzjoni qua kerreja tar-rikorrenti. Ezami tar-rikors promutur mill-ewwel jissugerixxi illi din hija procedura ghall-zgumbrament minn raba' li huwa okkupat minghajr titolu. Il-premessi vantati mir-rikorrenti sabiex jinghataw pussess ta' dan ir-raba' certament li ma jirriaffigurawx flelenku ta' ragunijiet ghaliex il-Bord jista' jawtorizza irripreza ta' raba' mis-sidien taht id-disposti tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan, it-talbiet tal-istess rikorrenti sabiex dan il-Bord jordna lill-intimat jizgombraw mill-ghalqa de quo imbaghad ikompli jimmilita kontra l-istess rikorrenti. Haga din li naturalment attirat l-attenzjoni talintimat li ssollevaw din l-ewwel eccezzjoni;*

*Fl-assjem tal-provi irrizulta li jista' jkun malintiz dwar liema art hija okkupata b'titolu ta' qbiela mill-intimati ghaliex irrikorrenti esebew pjanta*

*mmarkata bl-isfar biex juru liema art hija in kontestazzjoni u x-xhud tal-intimat li huwa rapprezentant tal-Ufficcju Kongunt ippropona pjanta ohra li, izda, hija l-istess pjanta li r-rikorrenti annettew ma' cedola ta' fidi ta' cens sabiex jifdu c-cens gravanti l-ghalqa taghhom favur l-Ufficcju Kongunt. Minkejja dan il-punt ferm nebuluz, ir-rikorrenti xehdu illi l-intimat qieghed jokkupa l-ghalqa taghhom minghajr ma jhallas qbiela u li huma mhumhiex qieghdin jirrikonoxxu lill-istess intimat bhala l-kerrej. Dawn id-dikjarazzjonijiet jikkonfermaw illi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti mhix wahda ghar-ripreza ta' raba' mikri, li ghaliha jistghu jadixxu lil dan il-Bord, izda hija dik l-azzjoni intiza sabiex tizgombra lid-detentur fuq il-premessa li qieghed jokkupa l-istess minghajr titolu fil-ligi, u din hija l-ahjar konkluzzjoni li jista' jispigola dan dan il-Bord mill-qari tar-rikors promutur u l-provi mressqa mir-rikorrenti;*

*Illi talba ghar-ripreza ta' raba' fuq il-premessa li hija mehtiega biex tinqasam bejn is-sidien mhix wahda li tista' tingieb quddiem dan il-Bord li jista' jkun biss adit strettament ghal wahda jew aktar mir-ragunijiet ravvizati flartikolu 4(2) (a) sa (f) tal-Kap 199;*

*Opportunement ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet Tabib Dr. Alexander Cachia Zammit et vs Lawrence Caruana, kawza din fejn ir-rikorrenti kien talab r-ripreza ta' art ghar-ragunijiet mhux estizi fl-artikolu 4(2)(a) sa (f) tal-Kap 199 u ta' okkupant li ma kienx rikonoxxut bhala l-inkwilin tal-istess ghalqa. Bhal fil-kawza odjerna, l-intimati kienu issollevaw l-eccezzjoni ta' nuqqas kompetenza rationae materiae tal-Bord, liema eccezzjoni kienet milqugha mil-Bord u konfermata flistadju t'Appell.*

*Applikat l-insenjament ta' dik il-Qorti ghall-fatti specie tal-kaz odjern, dan il-Bord ikollu jasal ghall-istess konkluzzjoni billi jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimat, u jilliberrah mill-osservanza tal-gudizzju."*

Issir referenza ghas-sentenza moghtija minn dan il-Bord hekk kif diversament ippresedut, **Rikors Numru 16/2013 FDP, fl-ismijiet, Claire Hobbs (Passaport Awstraljan L6745726), Raymond Bonnici, Jo Ann Camilleri, Marie Farrugia, Louis Bellizzi, Ceclia Pace O'Shea, Myrian Cassar Torregiani, Dora Galea u Tanya Bellizzi vs Anthony Axisa, deciza fl-1 ta' Novembru, 2017,** fejn tqajjmet

eccezzjoni li preliminarjament, dan il-Bord huwa inkompetenti 'rationae materiae', billi ma hemmx titolu ta' qbiela bejn l-atturi u l-esponenti. Intqal:

*"Jirrizulta, mir-rikors promotur tar-rikorrenti illi, ghalkemm mhux indikat fil-korp tar-rikors, il-bazi tal-azzjoni odjerna hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 4 (2) (e) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn dana jipprovdi illi talba ghar-ripreza ta' l-art da parte ta' sid jintlaqa jekk:*

*matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, il-kerrej ikun naqas, relattivament għal żewġ perijodi jew iżjed, li jħallas il-kera, f'kull okkażjoni, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ġurnata li fiha sid il-kera jkun talbu bil-miktub biex iħallas;*

*Jirrizulta illi l-intimat jibbaza d-difiza tieghu fuq l-argument ma kienx hemm titolu ta' qbiela, li r-rikorrenti tilfu d-dritt taghhom ta' l-art bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16 u illi kellu japplika l-principju 'possideo quam possideo' la darba l-intimat kellu pussess tal-propjeta ghallahhar erbgha u erbghin sena minghajr ebda interruzzjoni.*

***Jirrizulta illi dana il-Bord ma huwiex il-forum kompetenti sabiex jistabilixxi min ghandu titolu ghall-art meritu tal-kawza odjerna, liema kwistjoni ghandha tigi kkunsidrata mill-Qorti kompetenti u mhux minn dana il-Bord**."*

Dan il-Bord jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija minnu hekk kif ippresedut, bir-**Rikors 2/2020SG, fl-ismijiet, Andrew Attard ID. 639354(M) vs Giuseppe Torrisi ID. 54413(A), deciza fil-21 ta' Marzu, 2022,** fejn gie osservat is-segwenti:

*"Qabel ma' din il-Bord jgħaddi biex, jekk ikun il-każ, jeżamina l-mertu ta' dawn it-talbiet, ikun utli li tiġi eżaminata l-kompetenza ommeno ta' dan il-Bord, fir-rigward tal-azzjoni odjerna. Huwa fatt li l-kompetenza ratione materiae, hija ta' ordni pubbliku u, kif deċiż, "il-Qorti tista', anzi għandha d-dover li tissolleva l-eċċezzjoni ta' nkompetenza ratione materiae anke ex officio" (Ara deċiżjoni datata 2 ta' Jannar 2005, deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fl-ismijiet, Vincent Galea vs Anthony Robert Pisani).*

*Dwar din il-kwistjoni ta' kompetenza ratione materiae, saru sottomissjonijiet verbali mill-legali tar-rikorrenti waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021. Il-legali tar-rikorrenti sostna, li meta sar il-ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, l-intendiment kien, li l-kirja ma tkunx protetta. Sostna li kieku nfetħet fil-Prim' Awla jew Bord ieħor, ir-rikorrenti kien ser jiġi rinfaċċat b'eċċezzjoni oħra. Sostna wkoll li din hija art agrikola, u għalhekk, dan huwa l-Bord kompetenti fuq tali art agrikola. Ikkonferma li l-kirja ma kinitx għadha waslet biex tiġġedded, iżda l-Kap 199 ikopri kirjiet agrikoli. Sostna li għalkemm ġie mfiehem li l-Kap 199 ma japplikax, ġialadarba din kienet klawsola favur ir-rikorrenti, huwa għandu kull dritt li jagħżel li jirrinunzja li japplika tali klawsola.*

*Dan il-Bord ħaseb fit-tul fuq din il-kwistjoni.*

*Preżenzjalment, l-Artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:*

*1525. (1) Il-kuntratt ta' kiri, sew ta' ħaġa kemm ta' xogħol, jista' jsir sew b'kitba kemm bil-fomm, iżda l-kuntratt ta' kiri ta'fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta' fond kummerċjali li jsir wara l-1 ta' Jannar, 2010 għandu jsir bil-kitba.*

*Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem msejjaħ''il-Bord talKera'') maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini għandu jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali, inkluż kawżi li jirrigwardaw l-okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn dawn il-kirjiet ikunu ntemmu u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dak il-perjodu ta' okkupazzjoni. Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u fil-każ ta' kiri ta' raba' għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' maħtur bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba':*

*Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kirja, għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta' tali kwistjonijiet dwar validità għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera.*

*Il-Bord tal-Kera għandu wkoll kompetenza li jiddeċiedi talbiet relatati ma' manutenzjoni, tiswijiet, difetti u ħsarat tal-fond inklużi dawk moħbija, ħsarat jew miljoramenti, ammonti pendenti dwar dawl u ilma u kwalunkwe*

*ammonti depożitati bħala garanzija mill-inkwilin, fejn dawn it-talbiet jiġu inklużi ma' talbiet jew eċċezzjonijiet oħra magħmula quddiem il-Bord, li fuqhom il-Panel ta' Arbitraġġ ma għandux ġurisdizzjoni.*

*Il-Bord tal-Kera għandu l-poter jitlob informazzjoni u dokumenti minn entitajiet, dipartimenti u awtoritajiet tal-gvern, kif ukoll istituzzjonijiet oħra biex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu għall-fini ta' dan il-Kodiċi.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sakemm ma jkunx ġie hekk indikat speċifikament f'dan it-Titolu, ma jgħoddux għall-kiri ta' raba' li għandu jibqa' jiġi regolat bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.*

*(3) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu:*

*''fond kummerċjali'' tfisser fond urban li mhuwiex dar residenzjali u li hu mikri primarjament sabiex minnu ssir attività għal skopijiet ta' qligħ u fost oħrajn jinkludi, uffiċċju, klinika, fond mikri għall-bejgħ ta' oġġetti jew merkanzija bl-ingrossa jew bl-imnut, posta fis-suq, maħżen u fond b'liċenza għall-bejgħ ta'oġġetti, imbejjed, spiriti jew ħwejjeġ ta' ikel jew ta' xorb, sala għal rappreżentazzjoni jew fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti, sengħa jew professjoni:*

*Iżda fond mikri lil soċjetà jew mikri lil entità mużikali, filantropika, soċjali, sportiva jew politika, użat bħala każin, ma għandux jitqies bħala fond kummerċjali ukoll jekk parti minnu hi utilizzata għal skop ta' qligħ;*

*''każin'' tfisser kull każin reġistrat bħala hekk mal-Kummissarju tal-Pulizija skont id-dispożizzjonijiet xierqa tal-liġi;*

*"kirja residenzjali privata" tfisser kwalunkwe kirja residenzjali privata twila jew qasira, inkluz˙il-kiri ta' spazju residenzjali maqsum, li ssir wara l-1 ta' Jannar, 2020, u kwalunkwe kirja għal skop residenzjali li ssir qabel l-1 ta' Jannar, 2020, li tkun għadha fil-perjodu oriġinali jew imġedded fl-1 ta' Jannar, 2021.*

*Mill-banda l-oħra, il-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola l-kiri mill-ġdid ta' raba', u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ konnessi u anċillari. Skont l-Artikolu 2 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu 'raba' jfisser, kull art li tkun prinċipalment mikrija għall-koltivazzjoni ta' prodotti agrikoli, fjuri, siġar tal-frott jew dwieli, u għal skopijiet li għandhom x'jaqsmu mal-*

*agrikoltura, inkluż it-twaqqif ta' serer, cloches jew cold frames, iżda ma tinkludix art intiża biex jirgħu l-annimali.*

*Għaldaqstant, f'dawn l-Artikoli tal-Liġi appena ċitati, hemm indikat li kirjiet ta' fondi urbani, jaqgħu fil-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera, mentri dawk ta' Kiri ta' Raba' jaqgħu fil-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba'."*

Finalment, dan il-Bord jirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell, fl-14 ta' Jannar, 2019, (Rikors maħluf numru 578/2011 JA) fl-ismijiet, **Pauline Inguanez, Joseph Tonna, Mary Scicluna, George Tonna, Carmelo Mifsud, Maria Dolores sive Doris Tonna, Peter Mifsud, Alfred Tonna, Mary Galea, Nevil Tonna, Anna Maria Dolores Mifsud, Claire Zammit u Thomas Tonna v. Carmelo Caruana u Mario Caruana**, fejn il-Qorti tal-Appell, l-ewwel ghamlet referenza ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti, meta trattat l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione materiae:

*"L-ewwel qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju għal raġunijiet li fissrithom hekk fis-sentenza appellata:*

*»Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li din il-qorti mhijiex kompetenti ratione materiæ biex tisma' l-kawża, iżda huwa l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' illi għandu din il-kompetenza ai termini tal-artikolu 1525 tal-Kodiċi Ċivili.*

*»Illi huwa paċifikament aċċettat illi l-"kompetenza ta' qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni mogħtija mit-termini tal-azzjoni attriċi. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha …" (ara s-sentenza Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997).*

*»Illi din il-qorti kif preseduta ġieli kellha okkażjoni tiddeċiedi dan il-punt fil-kawża fl-ismijiet Dottor Francis Saliba et v. C. Boffa Company Limited et deċiża parzjalment fil-25 ta' Frar 2009. Il-qorti hemmhekk għamlet referenza għall-artikolu 47(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi jgħid:*

*»"Iżda l-kawżi li fihom jidħlu … inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani u kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati."*

*»Illi l-qorti anke qalet illi:*

*»"… l-abbli difensur tal-konvenuti qed jargumenta illi l-persuna mħarrka trid tkun tabita ordinarjament fil-fond in kwistjoni u allura l-Prim'Awla hija kompetenti biss fuq kawżi ta' żgumbrament jew tkeċċija minn fondi abitati bħala residenza ordinarja tal-konvenut.*

*Madankollu eżami tas-sub-artikolu juri biċ-ċar illi dan mhux il-każ; il-konvenut irid ikun jabita fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-qorti iżda żgur mhux neċessarjament f'dak il-fond li dwaru jkun ġie mħarrek.*

*Infatti fejn tidħol ir-residenza ordinarja l-artikolu jsemmi ġurisdizzjoni u mhux kompetenza għaliex huwa ovvju li l-kompetenza ta' din il-qorti toħroġ mill-fatt li l-atturi qed jitolbu żgumbrament."*

*»Illi l-Qorti tal-Appell (Sede inferjuri) elenkat diversi sentenzi, fir-rigward, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Victor Peralta et v. Maria Curmi et (deċiża fit-8 ta' Ġunju 2005). Hija qalet fost affarijiet oħra illi:*

*»"In linea ta' prinċipju ġenerali ġie bosta drabi deċiż illi talba għall-iżgombrament minħabba vjolazzjoni ta' patt espress jew taċitu kontrattwali kienet tispetta b'kompetenza lit-tribunal ordinarju. Sa mill-bidunett tal-introduzzjoni tal-liġi (illum il-Kapitolu 69) ġie ritenut illi dan 'contempla la rilocazione ma non lo scioglimento del contratto di locazione. Tale scioglimento è di competenza della Prim'Aula della Corte Civile … Lo sgombramento rientrante nella competenza della Giunta per il Regolamento dei Fitti è solamente inteso ad impedire la rilocazione. (Carmela Galea v. Filippo Gatt –Appell Ċivili deċiża fl-1 ta' Ġunju 1931)."*

*»[… … …]*

*»Illi huwa però importanti li wieħed jissottolineja li dawn is-sentenzi ġew deċiżi qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 1525 fis-sena 2009 u għalhekk illum għandhom valur relattiv ħafna. Dan l-artikolu jgħid fost affarijiet oħra illi:*

*»"Il-Bord li Jirregola l-kera għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani u ta' dar ta' abitazzoni u ta' fond kummerċjali. Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u fil-każ ta' raba' taħt il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' …"*

*»Illi jidher ċar allura li l-leġislatur ried li kwistjonijiet kollha dwar il-kiri jkunu kompetenza tal-bordijiet rispettivi. Kif ġà ssemma, il-kompetenza ta' qorti jew tribunal tiġi determinata skond it-talba ta' min jipproponi l-kawża u f'dik odjerna huwa ċar li l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu a bażi tal-fatt li l-konvenuti ma jistħoqqilhomx jibqgħu jiddetjenu l-fond inkwistjoni. Din id-deċizjoni però palesament tiddependi fuq l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuti "ma għandhom l-ebda jedd jirreklamaw titolu ta' qbiela fuq ir-razzett in kwistjoni". Għalhekk ma hemmx dubju għall-qorti li din hija waħda minn dawk il-vertenzi li l-leġislatur ried jirrimetti fil-ħoġor ta' xi wieħed mill-bordijiet imsemmija permezz tal-introduzzjoni tal-artikolu 1525.*

*»Illi stabbilit dan ma hemmx skop għal indaġini ulterjuri."*

Il-Qorti tal-Appell ghaddiet imbaghad biex trattat l-aggravvji billi sostniet:

*"9. Sewwa qalet l-ewwel qorti illi "l-kompetenza ta' qorti jew tribunal tiġi determinata skond it-talba ta' min jipproponi l-kawża". Li kieku fil-kawża tallum it-talba tal-atturi kienet biex il-konvenuti jiġu żgumbrati għax ma għandhomx titolu u mhux biex jintemm titolu ta' kera jew qbiela li għandhom, kien ikollhom raġun l-atturi jgħidu illi hija l-qorti ordinarja li għandha kompetenza għax talba għal żgumbrament ta' min ma għandux titolu taqa' fil-kompetenza tal-qrati ordinarji u mhux tal-bordijiet. Il-fatt illi l-konvenut jallegaw li għandhom titolu ta' qbiela ma jibdel xejn minn dan, appuntu għar-raġuni mogħtija mill-ewwel qorti, viz. illi "l-kompetenza … tiġi determinata skond it-talba ta' min jipproponi l-kawża" u mhux mill-eċċezzjonijiet.*

*10. Fil-każ tallum iżda l-atturi qegħdin effettivament jammettu illi l-konvenuti jew l-awturi tagħhom kellhom titolu ta' qbiela iżda jgħidu illi ma*

*ħarsux il-kondizzjonijiet biex dak it-titolu jitkompla f'idejn il-konvenuti llum. Għalhekk talbu illi qabel xejn il-qorti tiddikjara illi l-konvenuti "ma għandhom ebda titolu ta' qbiela jew kera fuq ir-razzett". Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk hemmx titolu ta' qbiela – li kienet tkun filkompetenza tal-qrati ordinarji – iżda jekk il-konvenuti jistgħux ikomplu jivvantaw dak it-titolu. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni hija jekk it-titolu ta' qbiela li ex admissis kellhom il-konvenuti jew l-awturi tagħhom jistgħux ikomplu jivvantawh il-konvenuti llum. L-art. 1525 tal-Kodiċi Ċivili jgħid ċar illi l-kompetenza hija tal-bord, ladarba trid tiġi determinata kwistjoni "konnessa" ma' kiri. L-ewwel aggravju għalhekk ma jistax jintlaqa'.*

*11. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-tieni aggravju tal-atturi – maħsub biex juri illi t-titolu ta' qbiela ma għaddiex għand il-konvenuti – ukoll ma jistax jintlaqa', ladarba l-kwistjoni jekk it-titolu għaddiex jew le ma jaqax fil-kompetenza tal-qrati ordinarji."*

Dan il-Bord iqies li minn ezami processwali, b'mod partikolari dak li xehdet Anna Galea Testaferrata, jirrizulta li hemm allegazzjoni da parti tar-rikorrenti, li whud mill-intimati ma humiex inkwilini, u qed jippossjedu minghajr l-ebda titolu validu fil-Ligi. Dan il-Bord iqies li anke fid-dawl tal-gurisprudenza fuq esposta, dan il-Bord ma huwiex il-forum kompetenti biex jiddeciedi tali kwistjoni.

In oltre, minn qari tat-talbiet jirrizulta b'mod car, li r-rikorrenti qed jitlob:

(i) ripreza tal-pussess tal-proprjetà prevja dikjarazzjoni dwar min verament kellu u ghandu jigi meqjus bhala l-gabillot ossija l-inkwilin, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; u

(ii) ripreza tal-pussess tal-proprjetà prevja dikjarazzjoni li l-inkwilini kissru l-kondizzjonijiet tal-kirja, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Art 4(2) tal-Kap 1999.

Ghalhekk, qed issir talba ghal ripreza ai termini tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li jigi dikjarat li l-inkwilini jigu dikjarati li kisru l-kondizzjonijiet tal-kirja, izda fl-istess nifs, ir-rikorrenti qieghed ukoll jitlob li dan il-Bord jidhol f'ezami, biex jiddikjara min verament kellu u ghandu jigi

meqjus bhala gabillot ossija inkwilin, ghal fini u effetti kollha tal-ligi, u dawk li mhumiex hekk inkwilini, jigu ordnati jizgumbraw.

Il-kompetenza tal-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' hi limitata ghal kwistjonijiet dwar kirjiet ta' raba', u xejn iktar. Jigi sottolinjat li l-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba', huwa regolat bil-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirrigwarda l-kiri mill-gdid ta' raba'. Ghalhekk, dan il-Bord jista' jiehu konjizzjoni biss ta' talbiet li jirrigwardaw li hemm relazzjoni ta' inkwilinat bejn ir-rikorrenti u l-intimati, u l-kirja tkun waslet fl-istadju li terga' tiggedded.

Dan il-Bord iqies li tezisti konfuzjoni ta' kawzali. Ir-rikorrenti ma jistax jitlob, min-naha l-wahda li whud mill-intimati ma ghandhomx titolu validu ta' kera, u ghalhekk l-art in kwistjoni ghandha tigi rritornata lura lir-rikorrenti, u mbaghad min-naha l-ohra, jghid li huwa ghandu dritt ghal ripreza tal-ambjenti, ghaliex l-inkwilini kisru l-obbligu taghhom.

Dwar in-nullità ta' kawza tezisti ampja gurisprudenza, li spjegat il-parametri ta' tali principju. Fis-sentenza Taghha tal-21 ta` Marzu, 1988, fil-kawza "**Aquilina vs Aquilina**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

> *" ... illi l-allegata nullita` tac-citazzjoni qed tigi invokata fit-termini ta` l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li l-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata 1) jekk in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament 2) jekk l-att ikun mahrug minn Qorti nkompetenti ; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta` nullita` u dan biss f`kaz ta` pregudizzju ; 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament. ... kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re Teresa Vella vs Salvatore Conti (App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*
>
> *Din il-Qorti inoltre tul is-snin f`diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b`mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra*

*ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara Savona vs Asphar deciza minn din il-qorti fit-23 ta` April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti). Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara Bonello vs Azzopardi, Vol XXXIX.II.556 ; Gerada vs Cassar, XXXIV.II.501 ; Muscat vs Borg et, XXXIX.II.575 u Demarco vs Fiteni XLI.II.1035)."*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza deciza fit-30 ta' Jannar, 2001, fl-ismijiet, **Manuel Schembri vs France Cutajar,** spjegat li:

*"Illi certament li huwa principju stabilit illi it-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156 tal-Kap 12** ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn "xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni" **("Raymond Bezzina vs Anthony Galea" -** A. C. 30 ta' Marzu 1998). ….*

*Illi gie ritenut illi sabiex azzjoni tigi dikjarata rritwali ghandu jigi determinat li hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu, u ghal dan l-ezami ic-citazzjoni attrici ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha" **("Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe" -** A.C. 20 ta' Jannar 1986).*

*Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi "il-formalizmu ezegerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh **("Charles Fino vs Alfred Fabbri noe"** - A.C. 28 ta' Frar 1997; **"Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et" -** P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998; **"Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar" -** A.C. 31 ta' Mejju 1996).*

*Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta' dak li ntqal fis-sentenza **"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** (A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m'ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u*

*pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b'mod li f'din l-azzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni.*

*Illi tali kunfuzzjoni ma ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-**artikolu 156 (1) tal-Kap 12,** billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu' tpoggi lillgudikant f'sitwazzjoni ta' ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwara. Dan huwa konfermat bis-sentenza **"Joseph Tabone vs Joseph Flavia"** (A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li ic-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu….".*

*Illi pero' kontra dan kollu xorta wahda jipprevali l-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati entro id-dettami tal-ligi peress li r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta illum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali "- premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija lprovedimenti opportuni - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe' esigenza ta' forma' li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b'kull talba ghal kwalunkwe dikjarazzjoni". **("Mary Cosaitis vs Mario Muscat. -** A.K. 27 ta' Novembru 1990)."*

*Madanakollu, huwa sottomess li minkejja li huwa minnu li eccezzjoni ta' nullita' ghandha tigi nterpretata ristrettivament, dan ma jfissirx li ma hemmx cirkustanzi fejn citazzjoni tista' tigi dikjarata nulla. Fejn jidher car li c-citazzjoni hija kuntradittorja, in-nullita' ghandha tigi dikjarata minghajr ezitazzjoni. Dan gie ritenut minn gurisdizzjoni kostanti. Per ezempju, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 1978 fl-ismijiet Teresa Vella vs Salvatore Conti irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal per ezempju nuqqasijiet evidenti ta' pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. L-istess ntqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1997 fl-ismijiet Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri:*

*"In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

Decizjoni ohra hija dik moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet, **Salvatore Aquilina et vs Joseph Oliver Ruggier noe,** deciza fid-9 ta' Jannar, 1995. F'dik il-kawza, il-konvenuti ecceppew in-nullità tac-citazzjoni, peress li t-talbiet u l-premessi huma konfuzi u konfliggenti ghal xulxin. Din l-eccezzjoni saret abbazi tal-fatt li fl-ewwel tliet domandi, l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat li jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att finali ghat-trasferiment tal-art in kwistjoni, mentri fl-ahhar tliet talbiet intlabet dikjarazzjoni, talbu likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni sofferti mill-atturi, minhabba n-nuqqas ta' adempjenza tal-konvenut, ghall-obbligi assunti skont il-konvenju. Il-konvenut nomine ssottometta li kif imposti, id-domandi attrici ma jistghux iregu flimkien, stante li dawn id-domandi huma konfliggenti u joholqu konfuzjoni legali, u bhala tali huma proceduralment insostenibbli. Din il-Qorti laqghet din l-eccezzjoni tan-nullità tac-citazzjoni u spjegat is-segwenti:

*"…L-atturi ma setghux u ma jistghux jippromuovu z-zewg talbiet u z-zewg azzjonjiet f' daqqa wahda, ghaliex, kif imposti minnhom, azzjoni wahda teskludi lill-ohra. L-atturi kellhom jaghzlu. Jekk il-kuntratt ghadu fattibbli allura messhom ghall-ewwel qaghdu fuq l-ewwel talbiet u jekk mhuwiex setghu jaghzlu l-azzjoni tad-danni.*

*Illi kif gie anke ritenut f'sentenzi ta' dawn il-Qrati jekk ara d-decizjoni Emanuel Scicluna vs Av. Dr. S Camilleri noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Jannar 1959 (Vol XLIII-I-55) l-attur li jaghzel wahda mill-azzjonijiet li lilu huma akkordati, necessarjament irrinunzja ghall-ohrajn, u mhux permess li min ikun irrinunzja ghall-azzjonijiet tieghu li jerga' lura fuq il-passi tieghu stess. Jghid il-Fabio (ara 'Rationalia' fuq il-ligi para. 1 'de tributaria actione'), li:*

*'Qui ex pluribus sibi competentibus actionibus unam eligit, aliam quam non eligit repudiare intelligitur in consequentiam necessariam; ripudiantibus autem et remittentibus actionibus suis dandus non est regressus'.*
*It-tielet sett ta' domandi rigward danni jimplikaw li l-ftehim thassar, gie xolt, ma jistax isir. Dan huwa manifestament in kontradizzjoni ma' l-ewwel*

*tliet domandi li jitolbu lill-konvenut jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta' l-att finali…Kif proprosta c-citazzjoni ghalhekk b' zewg azzjonijiet f' daqqa wahda, din hija nulla u rritwali."*

Fil-kaz tal-lum, mil-lat ta' impostazzjoni tal-azzjoni, il-Bord qed jara li hemm kumulu ta' azzjonijiet, li anke minhabba l-kompetenza ratione materiae ta' dan il-Bord, ma jistghux jigu ezercitati fl-istess azzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan il-Bord qieghed, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, jiddeciedi illi jilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari kontenuti fir-risposta tal-intimati pprezentata fid-19 ta' Ottubru, 2015, u cioè l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullità tar-rikors promotur minhabba konfuzjoni ta' kawzali u talbiet, u l-eccezzjoni preliminari dwar nuqqas ta' kompetenza ta' dan il-Bord ratione materiae, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, salv u impregudikati, però d-drittijiet kollha talvolta spettanti lill-istess rikorrenti skont il-Ligi.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur